# Il-George Cross 1942 u s-simboli araldiċi ta' Malta 1942-1947

**Walter Camilleri**

Is-sena 2017 fakkritna fil-75 sena (1942-2017) mill-għoti tal-Midalja – Dekorazzjoni tal-GEORGE CROSS lill-Poplu Malti mir-Re Ġorġ VI tar-Renju Unit, b'Ittra Rjali tiegħu datata 15 ta' April 1942.

Sadattant, l-istess sena (2017) fakkritna wkoll fis-70 sena (1947-2017) tal-Kuntratt Governattiv datat 7 ta' Frar 1947, li fih hemm miġbura l-ġrajja tal-Għoti tal-GEORGE CROSS, biex kemm jista' jkun ma jintesa xejn mill-imgħoddi.

*Is-sena 1942 kienet fost l-agħar snin għal Malta u Għawdex matul it-tieni Gwerra Dinjija 1939-1945.*

### Ittra Rjali

Għall-qlubija, l-imwiet u t-tbatijiet intortament li kienu ġarrbu niesna-Maltin u Għawdxin – fl-imsemmija gwerra **b'sostenn għar-Renju Unit u l-alleati tiegħu**, ir-Re Ġorġ VI tar-Renju Unit, nhar il-15 ta' April 1942, mir-residenza uffiċjali tiegħu ta' Buckingham Palace, Londra, kien bagħatilna din l-Ittra Rjali personalizzata (bħala poplu) *li kienet miktuba u* ffirmata minnu stess.

L-Ittra Rjali msemmija kienet tinkorpora fiha u magħha, l-Għoti tal-Midalja-Dekorazzjoni tal-GEORGE CROSS lill-Poplu Malti (u Għawdxi), li rarament kienet ingħatat lil xi persunaġġ, imma qatt lill-POPLU SĦIĦ bħal fil-każ ta' Malta!

Iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni uffiċjali tal-Ittra u l-Midalja Rjali tal-GEORGE CROSS kienet saret xhur wara, nhar it-13 ta' Settembru 1942, f'ċerimonja pubblika fi Pjazza San Ġorġ quddiem il-Palazz tal-Gvernatur fil-Belt Valletta.

Lord Gort, Gvernatur ta' Malta, kien ippreżenta l-Ittra u l-Midalja Rjali lil Sir Ġorġ Borg LL.D. li kien Prim Imħallef u President tal-Qorti tal-Appell ta' Malta. U dan skont il-protokoll uffiċjali ta' dak iż-żmien.

Mill-banda l-oħra, Sir Ġorġ Borg kien irċieva dawn iż-żewġ Strumenti Rjali (l-Ittra tar-Re u l-Midalja Rjali tal-George Cross) f'isem il-Poplu Malti u Għawdxi, liema strumenti rjali, sa mill-bidu nett kienu intenzjonati li jkunu merfugħin, esibiti u mħarsa għal dejjem fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta, biex żgur ma jintesewx!

### Il-midalja tal-George Cross

Wara dan kollu, dawn iż-żewġ Strumenti Rjali kienu ġew reġistrati fl-Atti Nutarili Rjali tal-GARTER KING'S COLLAGE OF ARMS ta' Londra *bħala:* **Armoral ensigns to the island of Malta and its dependences.**

U dan kollu, b'Digriet Irjali tar-Re Ġorġ VI datat 28 ta' Diċembru 1943, liema digriet kien avdat f'idejn Bernard Marmaduke, Duke of Norfolk, li *kien responsabbli mill-*esekuzzjoni tal-Atti Nutarili Rjali, biex dan jirreġistra dawn iż-żewġ Strumenti Rjali **favur** Malta u l-gżejjer tagħha fl-arkivju tal-GARTER KING'S COLLAGE OF ARMS. Jixhed għal dan kollu Oliver Stanley mill-Qorti Rjali f'Saint James.

Ta' interess kbir għalina hu l-fatt, li dan id-digriet irjali tat-28 ta' Diċembru 1943 kien ġab fix-xejn sensiela ta' proposti ta' kull xorta u anki battibekki bejn Malta u Londra dwar **THE MALTESE FLAG**, inklużi, **L-EMBLEMA ARALDIKA TA' MALTA**, kif ukoll **IS-SIĠILL UFFIĊJALI TA' MALTA**.

Dawn il-proposti u battibekki u mhux b'anqas bsaten fir-roti mill-Kuruna Rjali u l-Gvern Ingliż, tal-anqas jagħtu ħjiel tanġibbli, li kmieni fis-seklu għoxrin (c. 1904-1924), uffiċjalment, il-Gvernatur ta' Malta flimkien mal-Kunsill tal-Gvern tiegħu (u tagħna), diġà kienu qed jitolbu struzzjonijiet minn Londra, dwar jekk kellhomx jirrikonoxxu jew le **THE COAT OF ARMS OF MALTA**, dawk tradizzjonali!

### Simboli araldiċi Maltin

Ossija, kellhomx l-Ingliżi jirrikonoxxu uffiċjalment (1904-1924) IL-BANDIERA TA' MALTA – Bajda u Ħamra, L-EMBLEMA ARALDIKA TA' MALTA u S-SIĠIEL TA' MALTA, allura dawk tradizzjonali u b'liema disinn, billi kien qed ikunu ppreżentati bosta disinji!

Fuq kollox, il-bażi ta' bosta battibekki bejn Malta u Londra kien, billi l-ġrajja tal-Konti Ruġġieru (AD 1090) u l-għoti minnu tal-Bandiera ta' Malta (lill-Maltin) qatt ma ġiet emmnuta mill-Ingliżi, billi skont il-GARTER KING'S COLLAGE OF ARMS tal-Imperu Ingliż, sa mill-medju evu ma kellhom xejn dwar Malta u s-Simboli Araldiċi tagħha!

Hawn ta' min ifakkar, li f'dawn il-gżejjer tagħna dejjem kellna tperper IL-BANDIERA TA' MALTA (Bajda u Ħamra) b'mod MHUX UFFIĊJALI fuq bini pubbliku u bla ma nidħlu f'polemiċi dwar l-oriġini tagħha! Fl-istess żminijiet konna ngħożżu u nperċu wkoll l-Arma-Emblema ta' Malta, imma wkoll b'mod MHUX UFFIĊJALI!

Ta' min ma jinsiex, li l-ebda ħakma barranija, tal-anqas mis-sena 1530, ma kienet aċċettat b'mod uffiċjali Is-Simboli *Araldiċi Tradizzjonali Ta' Malta!*

B'danakollu jkollna nammettu wkoll, li ħadd mill-ħakkiema barranin ma kien warrab-elimina darba għal dejjem Is-Simboli Araldiċi tagħna, għajr għal *attentat serju u gravi fi żmien il-*Franċiżi, fejn għadna naraw *bosta Armi-Emblemi ta' Malta* ta' bosta forom li laħqu ġew mibruxa u migrufa!

### Il-kelma tar-Re Ġorġ VI

Intant, nerġgħu ftit lura safejn ħallejna lill-GARTER KING'S COLLAGE OF ARMS. Kif diġà għedna, kien IR-RE ĠORĠ VI personalment li kien iddeċieda u ordna, *li kien qed jirratifika,* jordna u jikkonferma l-ARMA-EMBLEMA TA' MALTA u l-BANDIERA TA' MALTA (dawk tradizzjonali!), u dan għall-ewwel darba fl-istorja *(żmien l-Ingliżi f'Malta)* **b'mod uffiċjali,** meta l-istess Re kiteb u ordna:

"*We (I) do by these presents, ratify, confirm and assign the following Armoral Bearings, that it is to say, for Arms, per pale argent and gules on a Canton Azure, a representation of the GEORGE CROSS proper, as depicted in the painting hereunto annexed, to be borne for OUR ISLAND OF MALTA AND ITS DEPENDENCES, upon Seals; Shield; Banners or otherwise, according to the Laws of Arms*". (Firma) "*King George VI, 28th December 1943*".

Mill-banda l-oħra ma ninsewx, li tali Midalja-Dekorazzjoni-Onorifiċenza tal-GEORGE CROSS kienet ġiet "**imposta**" mill-istess Re biex tkun rappreżentata u tidher fuq is-Simboli Araldiċi tagħna l-Maltin u l-Għawdxin, u allura kien seħħ dan mingħajr il-kunsens tal-Poplu Malti!!

**Id-digriet irjali tat-28 ta' Diċembru 1943 kien ġab fix-xejn sensiela ta' proposti ta' kull xorta u anki battibekki bejn Malta u Londra dwar THE MALTESE FLAG**

Jekk dan kien nuqqas serju TAS-SOVRAN fuqna, b'danakollu konvint, li l-Onorifiċenza tal-George Cross fuq is-Simboli Araldiċi Maltin għamlitilna ĠIEĦ KBIR u hekk għadha tagħmel mal-irjiħat kollha tad-dinja. Onorifiċenza Rjali ma jagħtuhiex għal xejn u meta din tingħata lill-POPLU SĦIĦ u għal dejjem, b'qima u *rispett lejn niesna li kienu* għaddew minn martirju sħiħ intortament bejn is-snin 1939-1945!

Fl-opinjoni tiegħi (u suġġett għal kull korrezzjoni) dan kollu *kien sar fuq inizjattiva personali* tar-Re Ġorġ VI fejn kien *approva wkoll, li* rappreżentazzjoni tal-Onorifiċenza tal-George Cross, fejn kien possibbli, kellha tidher stampata f'kaxxa kaħla skura fuq nett tan-naħa l-bajda tal-Bandiera ta' Malta li tmiss mal-arblu, u l-istess ħaġa jsir fl-Arma-Emblema ta' Malta u anki fuq is-Siġill Malti.

### Għarfien mad-dinja kollha

Minn dak li rajna s'issa jirriżulta, li b'daqqa ta' pinna, ir-Re Ġorġ VI kien *waqqa' kull* proposta u waqqaf il-battibekki *tal-imgħoddi dwar l-Istrumenti* Araldiċi tal-Poplu Malti. Din il-ġrajja kollha, aktar milli kienet għamlet isem sabiħ lill-Ingliżi, kienet għamlet ĠIEĦ KBIR u WAĦDIENI lill-poplu ta' Malta u Għawdex ta' kull żmien! Fuq kollox, dan il-ĠIEĦ kien ingħatalna bla ma kien mitlub jew mistenni minna!

Bis-saħħa ta' dan kollu, l-Istrumenti Araldiċi Tradizzjonali ta' Malta u Għawdex – poplu wieħed – kienu ġew rikonoxxuti uffiċjalment mad-dinja kollha bil-mod il-mod! Milli jidher, f'Londra, dwar dan is-suġġett mhux kollox kien ward u żahar!

Biex il-kelma tar-Re Ġorġ VI kellha tkun finali darba għal dejjem kien jonqos xi jsir f'dak li hu protokoll. Wara sentejn u nofs ta' ntoppi, il-GARTER KING'S OF ARMS kien finalment irreġistra l-għamar tar-Re fl-arkivju tiegħu u kien fedelment ikkopja mill-ġdid GĦALINA L-MALTIN dan l-istess għamar:

*From the Records of the Collage of Arms, London*, fl-24 ta' Ġunju 1946 mis-Sur Algar Howard, ossija:

"*We (I) do hereby certify, that the foregoing copy of the Royal Warrant assigning Armoral Ensigns to the Island of Mala and its dependences is faithfully extracted from the records of the Collage of Arms, London. As witness my hand at said Collage, this 24th day of June 1946. (Firma) Algar Howard, Garter King's of Arms*".

Intenni, li f'Londra, l-awtoritajiet tal-Gvern u tal-Imperu qatt ma kienu aċċettaw b'mod uffiċjali l-Insinji Strumenti Tradizzjonali Araldiċi ta' Malta, u dan, anki meta r-Re Ġorġ VI kien diġà ppronunzja ruħu favur l-Istrumenti Tradizzjonali Araldiċi ta' Malta u bir-rappreżentazzjoni tal-Onorifiċenza tal-George Cross stampata fuqhom!

Huwa għalhekk, li "*id-dritta*" (preċedenza) fil-gżejjer tagħna dejjem kienet ħaditha l-Bandiera Ingliża, li kienet magħrufa bħala '*Il-Union Jack*', li saħansitra, l-Ingliżi kienu jqisu l-bandiera tagħhom '*Union Jack*' b'mod-uffiċjali bħala l-Bandiera Nazzjonali ta' Malta!!

### Il-bandiera kolonjali ta' Malta

Interessanti nosservaw, li d-Digriet Irjali tar-Re Ġorġ VI tat-28 ta' Diċembru 1943, ma kienx wasal fl-irkejjen kollha tal-Imperu Ingliż u wisq iżjed ma kienx wasal fil-kumplament tad-dinja! Kien hemm każijiet, fejn pajjiżi sħaħ u Għaqdiet Internazzjonali ma kenux aċċettaw Il-Bandiera ta' Malta Bajda u Ħamra u bil-George Cross! Riedu jaċċettaw biss dik **il-bandiera kolonjali ta' Malta**, li kienet tixbaħ 'il dik attwali tal-Awstralja u ta' New Zealand!

Daqskemm f'Londra ma kienx kollox ward u żahar, tant ieħor f'Malta, minħabba l-Insinji Araldiċi ġodda ta' Malta bl-inklużjoni tad-Dekorazzjoni-Midalja tal-George Cross fuqhom! Kien hemm min, hawn Malta, azzarda jitlob lir-Re Ġorġ VI biex jirratifika d-deċiżjoni li kien ħa (1943), dwar dak kollu li kienet saret tfisser Il-Bandiera ta' Malta bil-George Cross fuqha, inklużi l-Arma-Emblema ta' Malta u s-Siġill ta' Malta!

Il-mod kif kien żvolġa dan il-każ, malajr skattat polemika. Malli kienet intalbet ratifika tad-deċiżjoni tar-Re, l-Avukat tal-Kuruna f'Malta, fl-24 ta' Jannar 1948 (min.102, LGO 1623/1943), kiteb u widdeb ċar u tond u bla tlaqlieq skont il-protokoll irjali, li: **"His Majjesty's warrant is a royal command and does not require ratification".**

Ifisser li dak li kien ordna r-Re ma jinbidilx, (aktar u aktar jekk dik l-ordni tkun ix-xewqa *personali tiegħu)!*

Intant. Ma ninsewx, li lejn il-bidu tas-seklu għoxrin, l-Ingliżi kienu ħolqu sett ta' Bnadar Kolonjali kważi kollha identiċi, għajr għal xi dettal żgħir f'xi bandiera partikolari għal xi kolonja partikolari. Fil-każ tagħna, hawn qed nitkellmu mill-"***Bandiera Kolonjali Ingliża għal Malta***", li safejn hu magħruf qatt ma kienet perpret fuq xi bini pubbliku, ħlief fuq il-Palazzi tal-Gvernatur fil-Belt Valletta, San Anton u l-Buskett. Kienet perpret ukoll fuq il-karozza uffiċjali tal-Gvernatur ukoll.

Dwar din "*Il-Bandiera Kolonjali Ingliża għal Malta*" (u ferm aktar) tajjeb li naqraw lill-Prof. Jos.M. Pirotta fil-ktieb riċenti tiegħu tas-sena 2016.

Intant. Fejn hemm il-bniedem hemm anki opinjonijiet differenti u polemiċi mhux b'anqas! Mal-ordni tar-Re Ġorġ VI (1943), il-Bandiera ta' Malta (tradizzjonali) kienet tħalliet tperper fuq bini privat bl-abbundanza. F'qasir żmien (1944-1946) feġġew fuq il-bjut ta' Malta u Għawdex numru kbir ta' Bnadar ta' Malta bil-George Cross skont kif stipulata fil-liġi! Allura hawn qed nirreferi għall-Bandiera l-ġdida ta' Malta bis-saħħa tar-Re Ġorġ VI!

Kien f'dan iż-żmien bikri għall-Bandiera l-ġdida ta' Malta, (1944-1945) li l-Ingliżi kienu ħatfu l-okkażjoni li *"fuq bini pubbliku"* u preferibbilment anki fuq bini privat, speċjalment fuq il-bjut tal-każini ta' kull ġeneru, l-aktar dawk "*tal-Banda*", mal-Bandiera ta' Malta bil-George Cross kellha titla' wkoll tperper *Il-Bandiera Ingliża, ossija, l-Union Jack* fl-istess arblu!

Imma anki fuq arblu ta' bejt privat, il-Bandiera Ingliża kellha tingħata "*id-dritta*" (preċedenza) fit-tarjola, li minn barra tidher fuq ix-xellug! Imma dan kollu dam sal-21 ta' Settembru 1964, meta Malta tagħna kienet saret Stat Sovran u Indipendenti, għall-Grazzja ta' Alla.

Semmejna din il-ġrajja kollha fuq fuq, biex iż-żmien ma jnessi qatt l-imgħoddi, ikreh jew sabiħ tagħna... Mhux il-każ li nidħol f'xi polemika dwar il-George Cross fil-Bandiera Nazzjonali u Kostituzzjonali ta' Malta. Dan hu suġġett ieħor għalih. Min-naħa tiegħi naċċetta l-Bandiera tagħna ta' Malta kif inhi, ossija, bil-George Cross – Onorifiċenza ta' ġieħ kbir mogħtija lill-Poplu sħiħ ta' Malta u Għawdex għal kull żmien.

Xbieha tal-Midalja-Dekorazzjoni-Onorifiċenza tal-"GEORGE CROSS" unikament mogħtija lill-Poplu Sħiħ ta' Malta mir-Re Ġorġ VI tal-Ingilterra, 1942.



Document B.
BUCKINGHAM PALACE
The Governor
Malta.
To honour her brave people I award the George Cross to the Island Fortress of Malta to bear witness to a heroism and devotion that will long be famous in history.
George R.I.
April 15th 1942.

Kopja tal-Ittra Irjali tar-Re Ġorġ VI datata 15 ta' April 1942, immarkata Dok. "B" fil-Kuntratt tas-sena 1947, liema Ittra hi dedikata lill-Poplu ta' Malta u Għawdex ta' kull żmien.

### Malta G.C.

Apparti dan kollu, għandna fatt interessanti ta' valur storiku u ma nistgħux naqbżuh billi qajla għadu jissemma! Wara l-għoti tal-Midalja tal-George Cross lill-Poplu Malti, kienet ġiet stabbilita drawwa (li safejn naf jien ma jidhirlix li kienet xi ordni-liġi tal-gvern Malti jew tal-gvern Ingliż), li f'kull riferenza uffiċjali għall-isem ta' MALTA u fl-ittri għal barra minn Malta u fuq l-envelop (u viċi versa), wara l-isem ta' MALTA konna nispiċċaw bl-abbrevjazzjoni G.C., b'riferenza ċara għall-ġieħ, onorifiċenza u dekorazzjoni waħdanija tal-George Cross mogħti lil Malta u l-Poplu tagħha mir-Re Ġorġ VI nhar il-15 ta' April 1942, **(MALTA G.C.).**

Dan bħallikieku, wara l-isem ta' tabib konna u għadna niktbu **M.D.** (Medicine Doctor) u wara l-isem ta' Avukat **LL.D.** (Legum Doctor). Tant ieħor niktbu xi abbrevjazzjoni wara l-isem ta' min kien ġie mogħti "ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA TA' MALTA! Għax kienet inqatgħet din id-drawwa (jew ordni) tal-użu tal-**G.C.** wara l-isem ta' Malta ma nafx! Ma nesskludix li din inqatgħet mal-għoti tal-Indipendenza ta' Malta!

B'danakollu, mill-Indipendenza ta' Malta 'l hawn, kienu nkitbu bosta ittri uffiċjali u privati, u fuq l-envelop u wara l-isem ta' **MALTA** minflok G.C. bdew jiktbu **EUROPE**, billi teżisti lokalità bl-isem ta' Malta li tinsab fl-Amerika ta' Fuq (USA) fl-Istat ta' *Montana, li* tmiss mal-għadira FORT PECK, bejn *il-belt ta'* HAVRE u FORT PECK DAM, kważi mal-fruntiera tal-Kanada!

### Kuntratt... biex żgur ma ninsewx

Intant. Qabel ma ntemm din il-kitba nixtieq infakkar, li l-għoti tal-Ġieħ tal-George Cross (1942) u dak kollu li jorbot il-George Cross ma' Malta u l-għaliex, seta' faċilment jintesa totalment għal bosta raġunijiet, jekk l-Ittra u d-Dekorazzjoni Rjali tal-George Cross josfru!! U jekk dawn iż-żewġ relikwi-insinji (kolonjali) ta' ġieħ "josfru", x'kien ikollna x'nuru b'mod awtentiku għall-ġieħ tal-istorja u ta' wliedna? Imnalla li laħaq inkiteb id-digriet Irjali tar-Re Ġorġ VI mill-"Garter King's Collage of Arms" ta' Londra fis-sena 1946!

Dan it-thewdin kien ilu jberren f'moħħ bosta! Fl-aħħar kien ġie deċiż (1946), bi qbil mal-awtoritajiet Maltin u Ingliżi f'Malta, li din il-ġrajja KOLLHA tal-George Cross tkun reġistrata f'dokument pubbliku uffiċjali ta' saħħa legali magħruf bħala: '*Atto di Transunto*' jew '*Atto di Donazione*' jew '*Enrolment*' mill-pinna tan-Nutar tal-Gvern ta' Malta.

L-ARMA-EMBLEMA ARALDIKA TA' MALTA kif kien approvaha r-Re Ġorġ VI, f'għamla ta' tarka bil-kuluri tradizzjonali ta' Malta, l-Abjad u l-Aħmar u li tiġbor fiha għall-ewwel darba (1943) rappreżentazzjoni tal-GEORGE CROSS stampat f'kaxxa kwadra ta' kulur ikħal skur. Din l-Arma-Emblema hi indikata fil-Kuntratt tas-sena 1947, infilsata bejn DOK."A" u DOK."B" tal-imsemmi kuntratt tas-7 ta' Frar.

Il-Bandiera ta' Malta: bil-"George Cross" f'kaxxa kwadra ta' kulur ikħal skur (1944-1964) u bil-qisien 1:2. Sostanzjalment kienet rebħet Il-Bandiera ta' Malta Tradizzjonali għal sekli sħaħ.

Dan id-dokument pubbliku f'forma ta' **Kuntratt Speċjali u Storiku** kien sar f'ċerimonja pubblika min-Nutar tal-Gvern ta' Malta Dr Carmelo Farrugia, datat 7 ta' Frar 1947, fejn, minbarra li kienet issemmiet il-ġrajja kollha li wasslet għall-għoti tal-Onorifiċenza tal-George Cross lill-Poplu Malti u Għawdxi, f'dan il-kuntratt kienu ġew inkorporati d-Digriet Irjali tar-Re Ġorġ VI datat 28 ta' Diċembru 1943, bħala **DOK. 'A'; L-Arma-Emblema ta' Malta bil-kulur, (mhux indiċjata fil-kuntratt), i.e. Tarka-Bajda u Ħamra nofs b'nofs vertikalment – u bil-George Cross stampat fuq l-abjad u finalment, l-Ittra Rjali tar-Re Ġorġ VI datata 15 ta' April 1942, bħala DOK. 'B'.**

Xhieda fuq dan il-Kuntratt **Storiku li kien sar fil-Palazz tal-**Gvernatur fis-Sala ta' San Mikiel u San Ġorġ (7 ta' Frar 1947), kien hemm l-Arċisqof Metropolita ta' Malta Monsinjur Mikiel Gonzi u Lieutenent Governor Sir David Callendar Campbell. Il-protagonisti fuq dan il-kuntratt kienu: Il-Gvernatur ta' Malta Francis Campbell Ross Douglas u l-Unur Tiegħu Sir George Borg, Prim Imħallef u President tal-Qorti tal-Appell ta' Malta.

Għal aktar informazzjoni ara l-Liġijiet ta' Malta Kap.115, Ordinanza għar-Restrizzjoni tal-użu tal-"*George Cross*".